MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Numru 795/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Robert Vella**
**vs**
**Silvio Coleiro**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Silvio Coleiro ta' 41 sena iben Philip u Osanna nee' Cachia mwieled Zebbug fil-21 ta' Settembru 1966 u residenti l-Ghorfa, Sqaq Nru 1 Triq il-Brittanja MOsta, ID 409166 (M).**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Gunju 2008 ghall-hbta tas-7.15hrs**

**(a) gewwa Yarin Flats nru 10 li jinsab Triq Censu Tanti San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-**

**persuna ta' Keith Jenkins miz-Zurrieq skond kif certifikat minn Dr Kevin Borg MD ta' l-Isptar Mater Dei.**
**(b) U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess Keith Jenkins sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu l-hsara**
**(c) U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb hedded lil Keith Jenkins u anke lil Bernice Farrugia bi kliem**
**(d) U iktar talli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jekk li jippretendi il ghandu, indahal fi hwejjeg haddiehor kontra l-ligi**
**(e) Akkuzat ukoll talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament**

**Rat li fis-seduta ta' llum 25 ta' Mejju 2010, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghaldaqstant galadarba kien hemm din l-ammissjoni, dawn l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 216 (1) (b), 339 (1) (d), 339 (1) (e), 85, 49 u 50 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh. Il-Qorti qieset li l-allegat vittima hafer lill-imputat u li llum kemm l-imputat kif wkoll l-allegat vittma regghu bdew jitkellmu. Ghaldaqstant il-Qorti minflok tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 30 xahar millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artiklu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------